*Ħames komponenti tat-tutela kawtelatorja: (a) strumentalita`,(b) effikaċja immedjata*
*(ċ) proviżorjeta`, (d) karattru ipotetiku u prognostiku, (e) preservazzjoni*
*- talba għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju*
*- 836(1)(d), 836(1)(f); 838A Kap 12*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rikors Revoka Nru. 871/2019 GM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 1174/19 fl-ismijiet:

**Av Alison Vassallo (ID419280M) bħala mandatarja speċjali ta' Featherstar Limited, soċjeta' estera, b'indirizz uffiċjali ġewwa Devonshire House, 60, Goswell Road, Londra ECIM 7AD**

**vs**

**Is-soċjeta` estera Nuovi Cantieri Apuania Spa**

**Digriet Kamerali tal-15 t'Ottubru 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta' Settembru 2019, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, is-soċjeta` estera Nuovi Cantieri Apuania Spa (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-eżekutata") talbet li din il-Qorti:

**a.** Tiddikjara li l-ammont kawtelat mil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1174/2019, jew parti minnu mhux ġustifikat u/jew huwa eċċessiv, u dana ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-kap 12;

**b.** Tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1174/2019, jew parti minnu, mhux raġonevoli li jinzamm fis-seħħ jew li dan il-mandat jew parti minnu mhux aktar meħtieġ jew ġustifikabbli, u dana ai termini tal-Artikoli 836(1)(f) tal-kap 12;

**c.** Tirrevoka konsegwentement il-mandat ta' sekwestru odjern, in toto jew in parti u dana taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' tqis xierqa;

**d.** Fil-każ li ma jintlaqgħux it-talbiet numru (ii) u (iii), tordna lis-soċjeta' sekwestranta sabiex tagħti, f'terminu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali u ta' danni u imgħax u, fin-nuqqas li tneħħi l-mandat ta' sekwestru odjern, u dana ai termini tal-Artikolu 838A tal-kap 12.

Rat ir-risposta tal-eżekutant ippreżentata fit-2 t'Ottubru 2019;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-3 t'Ottubru 2019;

Rat li din il-proċedura ġiet imħollija għall-pronunzjament *in camera* tad-digriet;

Ikkunsidrat:

**<u>Il-fatti fil-qosor ħafna:</u>**

22.04.2014: il-partijiet daħlu f'kuntratt għall-binja mis-sekwestrata fuq ordni tas-sekwestranta ta' superyacht bl-isem *MY Ouranos* li tlesta fil-25.05.2016. Wara li tlesta inqalgħet kwistjoni bejn il-partijiet dwar numru ta' *post delivery works*; jekk kinux koperti mill-garanzija mogħtija mis-sekwestrata *ai termini* tal-kuntratt tal-binja jew kinux modifiki ulterjuri u għalhekk kopribbli mis-sekwestranta;

April 2017: is-sekwestata talbet il-ħruġ ta' *Decreto Inguntivo* ai termini tal-Art. 633 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili Taljan, li huwa sentenza *li tiġi ppronunzjata wara proċedura sommarja. Talbet l-arrest ta' MY* Ouranos li kien jinstab fit-tarzna tagħha stess ġewwa Massa, li ġie rilaxxjat fuq garanzija ta' €400,000 maħruġa mis-sekwestranta.

05.04.2017: is-sekwestrata fetħet proċeduri arbitrali f'Londra abbażi ta' Klawżola 21 tal-Kuntratt tal-Bini li skontha kull vertenza kellha tiġi deċiża permezz ta' proċeduri t'arbitraġġ f'Londra skont il-liġi Ngliża;

11.04.2017: is-sekwestrata kisbet sentenza sommarja (*Decreto Inguntivo* skont Art. 633 suċċitat) mit-Tribunal ta' Massa, li ħareġ, *inaudita altera parte,* ordni proviżorjament inforzabbli ta' ħlas kontra s-sekwestranta għal €367,935 u b'hekk il-garanzija fuq imsemmija ġiet żbankata. Id-digriet ġie notifikat lis-sekwestanta. Kellha dritt toġġezzjona *entro* terminu stabbilit mil-liġi Taljana. Hekk għamlet u l-proċeduri għadhom pendenti tant li hemm seduta ffissata għall-20 ta' Jannar 2020.

17.12.2018, 07.03.2019 u 15.07.2019: inħarġu tlett lodi arbitrali li permezz

tagħhom is-sekwestrata ġiet ikkundannata tħallas lis-sekwestanta l-ammont komplessiv ta' €1,007,114.12;

30.08.2019: is-sekwestrant kisbet il-ħruġ tal-mandat *de quo* sabiex tikkawtela l-imsemmi ammont ta' €1,007,114.12 sakemm il-lodi jiġu rreġistrati u kkonfermati miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ sabiex ikunu eżegwibbli f'Malta;

Ikkunsidrat:

Illi l-ħruġ ta' mandat bħal dak *de quo* hija proċedura kawtelatorja. It-tutela kawtelatorja tikkonsisti fil-possibilita` li wieħed jitlob, abbażi ta' konjizzjoni li titmexxa b'ħeffa u għalhekk sommarja, provvedimenti b'kontenut varjat tajbin biex jiggarantixxu li l-istennija tas-sentenza ordinarja fil-mertu, ma tippreġudikax is-sodisfazzjon tad-dritt tal-attur (*periculum in mora*), b'mod li tneħħilu kull siwi jekk jirriżulta li jeżisti (u hawn id-dimensjoni ipotetika tal-provvediment kawtelari). Il-miżura kawtelatorja għalhekk taqa' jekk il-kawża fil-mertu ma tinfetaħx jew tiġi estinta. Titlef l-effikaċja tagħha jekk is-sentenza fil-mertu tkun negattiva;

Illi l-provvediment kawtelatorju huwa għalhekk provvediment ġurisdizzjonali, li jista' jingħata mingħajr dewmien, addattat biex jipparalizza dan il-periklu u għalhekk kapaċi li jiddetta miżuri eżekutorji li "jassikuraw" l-effetti tas-sentenza futura f'każ li t-talba tal-eżekutant tintlaqa'. Għalhekk huwa immedjat iżda fl-istess ħin proviżorju. Mhux tutela awto-suffiċjenti, għaliex din tappartjeni għall-kawża fil-mertu li ssarraf fis-sentenza. F'dan is-sens it-tutela kawtelatorja hija waħda *strumentali*. L-azzjoni kawtelatorja għalhekk ma tikkorrispondix għal dritt soġġettiv sostanzjali awtonomu għalkemm hija wkoll timmira biex tħares id-dritt sostanzjali oġġett tal-kawża fil-mertu.

Għalhekk it-tutela kawtelatorja hija magħmula minn ħames komponenti strutturali:

(a) strumentalita`
(b) effikaċja immedjata
(ċ) proviżorjeta`
(d) karattru ipotetiku u prognostiku
(e) preservazzjoni

Ikkunsidrat:

**<u>revoka ai termini tal-Art. 836(1)(d)</u>**

Illi fl-ewwel lok, is-sekwestrata qiegħdha titlob ir-revoka tal-mandat billi l-ammont mitlub mhux *prima facie* ġustifikat jew huwa eċċessiv (Art. 836(1)(d) Kap 12). Dan għaliex skontha:

(i) il-klawżola arbitrali kienet fil-kuntratt tal-bini. Il-kwistjoni sussegwenti hija separata u distinta minn dan il-kuntratt u għalhekk il-klawżola ma tapplikax.

(ii) id-decreto inguntivo huwa *res judicata*, li huwa prinċipju ġenerali internazzjonali ta' ordni pubbliku. L-ebda lodo sussegwenti ma seta' jwaqqgħu.

Dwar kweżit (i), tajjeb jew ħażin, it-tribunal tal-arbitragg Ingliż ittratta din il-kwistjoni u ddeċieda li kienu hu kompetenti ad esklużjoni tal-Qorti Taljana.

Dwar kweżit (ii), huwa fatt li l-proċeduri quddiem il-Qorti Taljana għadhom għaddejjin. Min-naħa l-oħra s-sekestrata ssostni li l-oppożizzjoni tagħha f'dik il-Qorti għad-decreto inguntivo saret *fuori termine* u għalhekk is-sentenza diġa' għaddiet in ġudikat.

Illi dawn iż-żewġ kweżiti jifformaw parti mill-mertu tal-każ. Ċertament jekk din il-Qorti f'dawn il-proċeduri, tippronunzja ruħha dwarhom, jew dwar xi waħda minnhom, tkun qiegħdha teċċedi l-*vires* tagħha. Din il-Qorti ma tistax ma tisħaqx li dawn huma proċeduri sommarji. M'hemmx dubbju li mal-ewwel daqqa t'għajn, is-sekwestrata għandha bażi ta' pretensjoni għaliex f'dan il-każ hija suffragata minn tlett lodi arbitrali Ingliżi. Is-soltu, sekwestru jinħareġ fuq mera pretensjoni tal-parti filwaqt li fil-każ preżenti l-Qorti għandha wkoll il-wens ta' deċiżjoni fil-mertu minn tribunal arbitrali ta' ċerta portata. Dan ma jfissirx li l-lodi huma korretti. Iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ jista' jiddeċiedi li ma jirreġistrahomx. Imma l-indaġini li tista' tagħmel din il-Qorti għandha limitazzjoni sinifikanti, u huwa biżżejjed għaliha li tistabilixxi li l-pretensjoni kawtelanda tkun verosimili jew plawsibbli, u mhux sempliċiment frivola jew assurda, jew saħansitra merament possibbli. Min-naħa l-oħra, lanqas hu meħtieġ li l-pretensjoni jkollha probabilita` kbira li tintlaqa'. Huwa diffiċli jitqies li pretensjoni sorretta b'dan il-mod ma tirriżultax sal-livell tal-*prima facie.* Għall-istess raġuni lanqas huwa l-kompitu ta' din il-Qorti li titratta l-kwistjoni jekk id-deċiżjoni tal-Qorti Taljana għaddietx in ġudikat jew le;

Illi lanqas jista' jingħad li l-ammont sekwestrat huwa eċċessiv għaliex huwa preċiżament l-ammont ikkanonizzat bil-lodi Ingliżi. Dan apparti li diġa` hemm is-somma ta' kważi €400,000 f'idejn is-sekwestrata;

**revoka ai termini tal-Art. 836(1)(f)**

Illi fit-tieni lok, is-sekwestrata titlob ir-revoka tal-mandat abbażi tal-Art. 836(1)(f). Hija interpretazzjoni paċifika ta' din il-Qorti (kif ippreseduta minn imħallfin differenti) li din id-disposizzjoni tapplika biss meta jkun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi wara l-ħruġ tal-mandat – ħaġa li ma seħħitx fil-każ preżenti;

**Garanzija ai termini tal-Art 838A**

Illi s-sekwestrata qiegħdha titlob ukoll il-ħruġ ta' garanzija abbażi tal-penali li tista' tiġi mposta skont Art. 836(8) u għad-danni li tista' ssofri skont Art. 836(9) kemm-il darba ma tintlaqax it-talba tagħha għar-revoka tal-mandat;

Illi l-Art 838A jista' jinħareġ għal kawża ġusta, u skont is-sekwestrata hemm kawża ġusta billi (i) hi notorjament likwida u finanzjarjament b'saħħitha u (ii) t-talba tas-sekwestranta qiegħdha ssir b'malizja jew hi frivola u vessatorja;

Dwar raġuni numru (i): in sostenn tal-allegazzjoni tagħha li hi kumpannija notorjament b'saħħitha s-sekwestrata esebiet għadd ta' dokumenti finanzjarji li ġew soġġetti għal kritika qawwija mis-sekwestrata fir-risposta tagħha. Is-sekwestrata rrilevat ukoll li s-suq ta' bini ta' super-yaghts huwa wieħed volatili ħafna u l-operaturi f'dan is-settur jaħdu f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni internazzjonali mill-iktar ħarxa. Għalhekk ma jirriżultax lil din il-Qorti dak asserit mis-sekwestrata;

Dwar raġuni numru (ii): għar-raġunijiet ġja` esposti f'dan id-digriet, ma jirriżultax li s-sekwestanta qiegħdha taġixxi in mala fede. Lanqas jirriżulta li qed timxi b'imprudenza, traskuraġni, jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjeta` estera Nuovi Cantieri Apuania Spa kollha, bl-ispejjeż a kariku tagħha.

Mogħti kameralment illum, 15 t'Ottubru 2019.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA